CCT/215/15/S

Dr.Christian Bonnici f'isem Liberata Bonnici
Vs
Edwin Petroni

Illum 13 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Dr.Christian Bonnici f'isem Liberata Bonnici pprezentata fit-2 ta'Novembru,2015 u r-risposta ta' Edwin Petroni pprezentata fis-16 ta'Novembru,2015;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom u tal-konsulent legali tal-intimat fis-16 ta'Gunju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq ghafsa fuq 'fridge' wahda minn tnejn mixtrija minghand l-intimat. Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li kaxxun tal-perspex kien nieqes u li u li l-'hinges' ma kinux issikkati sew. Min-naha tieghu l-intimat jikkontendi li l-allegati hsarat huma minimi;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet '<u>Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited</u>' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi t-Tribunal jinnota li kaz bhal dak odjern seta' facilment gie risolt bi ftit rieda tajba;

Illi t-Tribunal ihoss li l-verzjoni moghtija mir-rikorrent u cioe li l-ghafsa f'wahda mill-'fridges' giet innutatata hekk kif il-haddiema telqu meta l-istess rikorrent fetah il-'packaging' tal-plastik, hi wahda verosimili u l-istess rikorrent informa lill-intimat mal-ewwel li min-naha tieghu, ma setax jigi dak il-hin ghax kellu jiltaqa' ma' haddiehor;

Illi anki dwar il-kaxxun tal-perspex, it-Tribunal ihoss li dan seta' jinghata wiehed gdid mal-ewwel mill-intimat;

Illi fir-rigward tal-'hinges', ma tressqux provi mir-rikorrenti li dawn kellhom effett fuq l-uzu shih tal-'fridges' izda hi kwistjoni ta' "setting";

---

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "<u>Martin Degabriele vs Melanie Borg</u>"

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak minnu allegat limitatament kif fuq spjegat;

Illi l-intimat ghalkemm ecepixxa li hu mhuwiex il-legittimu kuntradittur, ma ressaq ebda prova f'dan ir-rigward u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Dr.Christian Bonnici f'isem Liberata Bonnici, limitatament kif fuq spjegat u Jichad l-eccezzjonijiet ta' Edwin Petroni, limitatament kif fuq inghad u Jordna lill-intimat Edwin Petroni biex fi zmien gimghatejn mid-data ta'din id-decizjoni, jibdel u jikkonsenja minghajr hlas fir-residenza tar-rikorrenti, 'fridge' gdida minflok dik bl-ghafsa, liema 'fridge' trid tkun tal-istess ghamla u specifikazzjonijiet bhal dik li qed tinbidel u kaxxun tal-perspex gdid, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru